MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2014

Numru. 782/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Daryl Mark Pace**

**Nicholas Anthony Fenech**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' l-Erbgha 20 ta' Awwissu, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Nicholas Anthony Fenech ta' 40 sena, iben Emanuel u Antonia nee' Muscat, imwieled gewwa l-Pieta' nhar it-13 ta' Jannar 1974, residenti gewwa Flat 1, Floor 4, Kammrata, Triq il-Merkanti, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 106274(M) u Daryl Mark Pace ta' 21 sena, iben Silvio u Lisa nee' Grima, imwieled gewwa l-Pieta' nhar id-29 ta' Awwissu 1992, residenti gewwa Block J, Flat 5, Housing Estate, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 440092(M) talli nhar id-19 t'Awwissu 2014 ghal habta ta' 02:06 gewwa l-Msida assocjaw ruhhom ma' xulxin bil-ghan li jaghmlu delitt ta' serq li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija (artikolu 48A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

1. talli bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhom, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u kif ukoll bil-valur u dan bi ksur ta' artiklu 41(a), 261(b)(c)(f), 263(a), 267, 270, 278(2)(3) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn €116.47 ghad-detriment ta' Almoalef Hussin detentur tal-karta ta' l-

identita' bin-numru 109722A bhala sid il-hanut u dan bi ksur ta' artikolu 251B(1) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

u lil Daryl Mark Pace wahdu akkuzat wkoll talli:

3. ikkommetta delitt punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D nhar il-14 ta' Marzu 2014 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija , l-imsemmija Daryl Mark Pace u Nicholas Anthony Fenech jhallsu lil parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabilit mill-qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunata permezz tar-reat;

Il-qorti ntalbet ukoll sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabiliti mil-ligi, tordna l-konfiska ta' l-oggetti ezebiti;

Il-qorti ntalbet ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li waqt l-udjenza tallum minn din il-Qorti l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw l-posizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qieghed jinstabu hatja l-imputati, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom. Fil-konfront ta' Daryl Mark Pace tqis li ghandha taghtih l-ahhar cans sabiex jipprova jirriforma ruhu.

Ebda oggetti ma gew prezentati u ghaldaqstant mhu se jkun hemm ebda ordni ghal konfiska u ma rrizultax lanqas li kien hemm xi hlas ghall-esperti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 48A, 41(a), 261(b)(c)(f), 263(a), 267, 270, 278(3), 325(1)(c), 17, 20 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, u tikkundannah ghal sena habs li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghed jigi sospiz ghal perjodu ta' sentejn. Ghar-rigward ta' Daryl Luke Pace bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitlu 9 testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' sentejn prigunerija moghtija fl-14 ta' Marzu 2014 ghal perjodu ta' erba' snin mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-ħatja bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk jikkommettu reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Kopja ta' din is-sentenza u ta' l-atti għandha tintbagħat lill-Avukat Ġenerali skont il-liġi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------